Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 1468/2002/1

**Mary Lanfranco bhala kuratrici tal-interdetta Rita Muscat; u b'digriet tat-2 ta' April 2004 Mary Lanfranco**
**u Catherine Naudi assumew l-atti tal-kawza minflok Rita Muscat li mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Fal-Con Limited, George Falzon, Michael Falzon, Joseph Falzon, Henry Falzon, David Azzopardi fil-kapacita` taghhom personali**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar 2009 li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet attrici u ordnat li titnehha x-xatba u ghall-fini tat-tieni talba pprefiggiet terminu ta' xahar; ix-xoghol ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-Perit Tekniku A.I.C Mario Cassar. L-ispejjez tal-kawza fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa hlief ghall-ispejjez peritali.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti;

"Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi ippreżentata fis-8 ta' Diċembru, 2002 li permezz tagħha esponew bir-rispett:

"Premess illi l-attriċi Mary Lanfranco hija l-kuratriċi ta' l-interdetta Rita Muscat hekk kif jirriżulta minn kopja tad-digriet bin-numru 1055/2002 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'ML1'.

"U premess illi din Rita Muscat hija l-proprjetarja ossia tar-raba' msejħa 'Tal-Barriera' kontrada ta' Ħal Mula limiti ta' Ħaż-Żebbuġ liema raba' huwa ndikat fid-dokumenti hawn annessi u mmarkati 'ML2' u 'ML3' rispettivament.

"U premess illi l-konvenuti jew min minnhom għalqu għal kollox l-aċċess għal din l-għalqa liema aċċessi għall-imsemmija għalqa qegħdin jiġu ndikati u mmarkati bil-kulur aħdar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'ML4' u dana hekk kif se tipprova l-attriċi waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

"U premess illi dan l-aġir da parti tal-konvenuti jew min minnhom huwa molestja tad-drittijiet ta' l-aċċess ta' l-attriċi liema molestja ġiet kommessa matul din l-aħħar sena.

"Jgħidu l-konvenut jew min minnhom għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew molestja fil-konfront ta' l-attriċi u li dan gie kommess *entro* din l-aħħar sena *ai termini* ta' l-Artikolu 534 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti jerġgħu jirrintegraw lill-attriċi fid-drittijiet tagħha li minnhom ġie mmolestata mill-konvenuti jew min minnhom.

"3. In difett li l-konvenuti jew min minnhom jagħmlu dan iż-żmien lilhom mogħti mill-Qorti, li l-attriċi tiġi awtorizzata li tagħmel l-istess xogħlijiet neċessarji u ordnati mill-Qorti hija stess a spejjeż tal-konvenuti jew min minnhom.

"Bl-ispejjeż u l-konvenuti kollha minn issa inġunti in subizzjoni, u b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lill-attriċi, senjatament dik għad-danni.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti preżentata fit-18 ta' Awissu 2003 li permezz tagħha qalu bil-qima:

"1. Illi *in limine litis* l-attriċi Mary Lanfranco (li qed taġixxi fil-kawża odjerna fil-kwalita' tagħha ta' kuratriċi ta' l-interdetta Rita Muscat) ma ottjenietx l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti neċessarja sabiex tistitwixxi il-proċeduri odjerni għan-nom ta' Rita Muscat kontra l-eċċipjenti, kif kienet kostretta li tagħmel.

"2. Illi fiċ-ċirkustanzi tal-kawża odjerna, ma jirrikorrux l-elementi kostitwiti neċessarji sabiex tissussisti l-*actio manutentionis* odjerna – *inter alia* fis-sens li (a) l-eċċipjenti ma kkommettewx ebda att ta' molestja fil-konfront ta' l-attriċi *nomine* (b) *inoltre* u mingħajr preġudizzju għas-sueccepit, l-azzjoni attriċi ma tressqietx mill-attriċi *nomine* fi żmien perentorju ta' sena (c) l-attriċi *nomine* ma kellhiex il-pussess neċessarju li jippermettiha tistitwixxi tali azzjoni – u *in ogni caso* jikkombi fuq l-attriċi *nomine* li tipprova l-

estremi ta’ l-azzjoni odjerna *stante* li, in kwantu jikkonċerna l-eċċipjenti, *possideo quia possideo*.

“3. Illi, *stante* li l-azzjoni odjerna hija dik *manutentionis*, qed jiġi eċċepit ukoll subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, li l-azzjoni odjerna m’hijiex kompetenti lill-attriċi *nomine* billi l-attriċi *nomine* qed titlob ir-ri-integrazzjoni fil-pussess wara li ppremettiet li l-aċċess li kellha ta’ l-imsemmi raba’ ġie miċħud. Kwindi, l-azzjoni korretta spettanti lill-attriċi *nomine* hija l-*actio spolii stante* li l-*actio manutentionis* huwa permess biss fiċ-ċirkustanzi meta l-attur għadu fil-pussess u jrid li jinżamm ossija jiġi ‘mantenut’ f’ dak il-pussess, mentri fil-kawża odjerna dan m’huwiex il-kaz *stante* li l-attriċi *nomine* qed tallega li l-pussess li kellha ttieħed minnha u qed titlob li tiġi ri-integrata. Kwindi, l-azzjoni attriċi odjerna ma tistax tirnexxi u għandha tiġi miċħuda.

“Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Liġi.

“Bl-ispejjeż kontra l-attriċi *nomine*, li huma nġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni.

“Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ April 2004 li permezz tiegħu Mary Lanfranco u Catherine Naudi assumew l-atti tal-kawża minflok id-defunta Rita Muscat;

“Semgħet ix-xhieda, rat l-affidavits u l-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarja Dottor Elena Naudi Depasquale nominata għal dan l-iskop;

“Rat id-digriet tagħha tad-19 ta’Ottubru 2005 li permezz tiegħu ġie nominat l-A.I.C Mario Cassar bħala Perit Tekniku biex jirrelata, d-digriet ieħor li permezz tiegħu ġie nominat biex jassistih l-Avukat Dottor Vincent Galea;

“Rat ir-rapporti ta’ l-istess perit tekniku u dak legali debitament it-tnejn maħlufa;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

"Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' Novembru 2008 li permezz tiegħu l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi l-attriċi oriġinali għamlitha ċara fiċ-ċitazzjoni tagħha li kienet qed teserċita l-azzjoni hekk imsejħa *manutentionis* ossija dik kontemplata fl-Artikolu 534 tal-Kodici Ċivili li huwa msemmi testwalment fl-istess ċitazzjoni. Dan jgħid hekk:

*"Kull min ikun jinstab fil-pussess ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli jew ta' universalita' ta' ħwejjeġ mobbli, jista', fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess basta li ma jkunx ha b'idejh il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b' titolu prekarju."*

Kif sewwa iċċita l-perit legali għalhekk din l-azzjoni għandha erba' elementi;

"1. Il-pussess ta' ħaġa immobbli jew ta' universalita' ta' ħwejjeġ mobbli;

"2. Il-molestja f'dak il-pussess;

"3. L-azzjoni trid tiġi dedotta fi żmien sena mill-molestja;

"4. Li l-attur ma jkunx ha l-oġġett bi vjolenza jew bil-moħbi mingħand il-konvenut.

"F'dan is-sens il-perit legali iċċita diversi sentenzi; "Grixti vs Schembri" (1948), "Attard vs Cutajar" (2001) u "Mamo vs Galea" (2004) kollha deċiżi mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u "Gatt vs Micallef" (1954), "Borg vs Zammit" (1956) u "Agius vs Cutajar" (1959) kollha deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell.

"Qabel tibda tirriassumi l-fatti il-Qorti jidhrilha li l-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata *stante* li bil-mewt ta' Rita Muscat u l-assunzjoni ta' l-atti da parti tal-werrieta tagħha ma hemmx lok għal investigazzjoni ultejuri tal-mandat li seta'

kellha Mary Lanfranco (bħala kuratriċi ta' l-istess Muscat li kienet interdetta) minħabba l-principju tal-*jus superveniens*.

"Mary Lanfranco fl-affidavit tagħha tgħid li hija wirtet nofs indiviż tal-propjeta' mingħand Rita Muscat u kienet ġiet infurmata mill-gabillot Nazzareno Micallef illi ma setax jidħol iktar mill-isqaq pubbliku li hemm u li huwa parti mill-istess għalqa u kif kien ilu jagħmel snin sħaħ. Dan għaliex il-passaġġ ġie magħluq minn Henry Falzon tal-kumpanija Fal-Con Limited. L-attriċi l-oħra Catherine Naudi fl-affidavit tagħha qalet tista' tgħid l-istess ħaġa iżda żiedet li meta Micallef qalilha li Falzon għamel ħofra kbira fin-nofs tal-passaġġ, marret tivverifika u hemmhekk tfaċċa l-istess Henry Falzon li qalilha *"ħażin ikun għalik jekk tersaq' l hawn."* Dan kien fis-27 ta' Marzu 2003 u nfatti dakinhar hija u żewġha li kien magħha għamlu rapport fl-għassa tal-Pulizija tal-lokal li huwa esebit fl-atti.

"Mary Micallef mart Nazzareno Micallef, qalet li hi u żewġha ilhom iħallsu l-qbiela mill-1983 u dejjem kienu jgħaddu mill-isqaq jew passaġġ li hemm wara l-bini fi Triq Indi Cilia ħalli jkunu jistgħu jaħartu u jiżirgħu l-għalqa. F'April 2002 xi ħadd mis-soċjeta' Fal-Con Limited għalaq il-passaġġ bi blokok tal-konkos u għamlu xatba tal-ħadid bil-katnazz u għalhekk ma setgħux jgħaddu iktar. Avviċinaw lis-sidien u skoprew li s-sid Muscat kienet interedetta u li Mary Lanfranco kienet tieħu ħsieb ħwejjiġha. Imbagħad fi Frar 2003 il-konvenuti għamlu kanal minn ġo l-isqaq fejn għandhom impjant tar-*ready mix*. Rat lill-konvenut George Falzon u ipprovat tmur tkellmu iżda dan għalaq ix-xatba f'wiċċha. Fil-21 ta' Marzu 2003 imbagħad sabet ħofra fl-isqaq li kienet ta' periklu għal kulhadd. Ittemm tgħid li ma jistgħux jidħlu fir-raba' minħabba dak li għamlu l-konvenuti.

"Nazzareno Micallef xehed illi l-konvenut George Falzon kien għalaqlu l-passagg  billi tefgħalu l-blokok tal-konkos quddiem ix-xatba. Huwa kien qallu li għamel hekk għax hemmhekk tagħhom. Nena Chircop u Theresa Sciriha qalu li dejjem jiftakru li kienu jgħaddu mill-passaġġ in kwistjoni. Nikolina Gatt li xehdet quddiem l-Assistent

Ġudizzarja qalet illi l-għalqa li kellha (illum tal-atturi) kien hemm sqaq magħha u li kien kbir u jagħlaq jew jibda fejn hemm it-triq illum.

"Joseph Falzon wieħed mill-konvenuti qal li l-isqaq in kwistjoni illum ma għadux jintuża għax hemm anke bini fuqu. Qal ukoll li f'kull każ, trid tkun avventuruż biex tgħaddi minnu. Qal li x-xatba saret fl-1997 mill-lavranti tiegħu wara li kien hemm maltemp kbir. Henry Falzon qal li l-grada kien ilha hemm xi erba' jew ħames snin (xehed fl-2006). Wara qal li kien ilha qabel l-isparatura li saret f'April 2002. Il-Perit Fenech Vella qal li kien ra l-blokok żgur fl-1999; qal li mar fuq il-post u sab żewġ blokok li magħhom hemm imwaħħla *gate*.

"Il-perit tekniku wasal għal dawn il-konkużjonijiet (fol 199 *et sequitur*);

"1. L-esponent huwa tal-fehma illi ġie ppruvat illi l-atturi minn dejjem kellhom aċċess mis-sqaq indikat bl-aħmar (YY) f'Dok JF1 għall-għelieqi tagħhom u jkomplu għaddejjin mill-mogħdija ndikata bil-kulur blu f'Dok JF1.

"2. L-aċċess gie nterrott fl-1994 meta iġġarraf is-saqaf.

"3. Il-konvenuti għamlu xatba Z kif tidher f' Dok MC1 u din bl-iskuża biex ma jkunx hemm periklu. Kieku dan kien il-każ l-esponent huwa tal-fehma illi x-xatba kellha titwaħħal fil-bidu tas-sqaq u mhux fit-tmiem tiegħu.

"4. Hija fil-fehma ta' l-esponent illi s-sqaq iġġarraf bħala riżultat dirett tat-tqattiegħ ta' l-art adjaċent tas-sqaq mill-konvenuti li jippossjedu din l-art.

"5. L-esponent huwa tal-fehma li l-konvenuti bl-azzjonijet tagħhom interrompew l-aċċess minn l-isqaq ta' l-atturi għall-egħlieqi tagħhom.

Il-perit legali wasal għall-konkuzjoni illi l-atturi ma kellhomx il-pussess kif rikjest f'din l-azzjoni u allura ma ndagax iktar. Dan għamlu wara eżami akkurat ta' numru ta' sentenzi fir-rigward. Il-Qorti ma taqblix ma' din il-konklużjoni. Apparti l-kostatazzjoijiet legali ta'

x'jikkostitwixxi pussess *ai fini* ta' din l-azzjoni, il-fatt li l-atturi huma sidien ta' proprjeta mikrija ma jfissirx li ma m'humiex possessuri tal-proprjeta' in kwistjoni. Anzi diversi sentenzi riċenti jagħmluha ċara li l-kerrej ma jistax jistitwixxi din l-azzjoni – ara s-sentenza fl-ismijiet "George Camilleri vs George Bonello" deċiża mill-Prim' Awla fl-20 ta' Ottubru 2005 li qalet illi ukoll fil-kawża "Mamo vs Camilleri" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Marzu 1962 reġa' ntqal li l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 534 ma tispettax lill-inkwilin iżda lil min hu pussessur skond kif definit fl-istess liġi.

"L-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha mogħtija fit-3 ta' Ġunju 1959 fl-ismijiet "Arrigo vs Anastasi" osservat illi hu manifest li – azzjoni esperita mill-attur mhix dik li toħroġ mid-dispożizzjoni tal-Liġi riferita li hija mogħtija biss fis-sens proprju u strett ta' detenzjoni '*cum animo domini*'. Din hija fuq kollox waħda mid-distinzjonijiet bejn din l-azzjoni u dik ta' spoll.

"Għandu jingħad li dan jikkontrasta mad-definizzjoni li tat il-Qorti ta' l-Appell fl-1967 fil-kawża li għal zmien twil kienet ikkunsidrata *leading case* dwar l-azzjoni in kwistjoni ossija l-kawża fl-ismjiet "Vella vs Boldarini" li kienet straħet fuq il-kliem *"ta' liema xorta jkun"*. Hu x'inhu fil-każ odjern l-attur m' humiex inkwilini iżda s-sidien u allura żgur li dan l-insenjament ma japplikax għalihom. *Se mai* jista' jsir l-argument li bħala sidien ma kellhomx il-pussess għax normalment is-sid ma jkunx fil-pussess materjali tal-oġġett mikri. Madankollu anke fl-istess sentenza "Vella vs Boldarini" l-attriċi kienet irnexxiet fil-kawża tagħha bħala sid fil-konfront ta' l-istess inkwilini u dan għaliex il-fatt li s-sid ikun qed jirċievi kera (jew il-qbiela f'dan il-każ) hija mingħajr dubbju ta' xejn manifestazzjoni esterna ta' pussess. *Il possesso e' definito ... come un potere sulla cosa che si manifesta in un' attivita' corrispondente all'esercizio del diritto di propieta' o di un altro diritto reale* – Trabucchi – Istituzione di Diritto Civile pagna 455). Torrente (Manuale di Diritto Privato – 1985) jgħid illi *La detenzione – che e' la situazione possessoria base – consiste nell' avere la disonibilta' di una cosa, ossia nell' avere la disponibilita' di utilizzarla tutte le volte che si*

*voglia, senza bisogna di superare ostacoli seri u duraturi …* Għalhekk ma jibqa' ebda dubbju li l-atturi kienu pussessuri tal-propjeta' in kwistjoni fis-sens legali tal-pussess kif spjegat fil-Kodiċi Ċivili stess fl-artikoli 524 *et sequitur*.

"Fir-rigward tat-tieni rekwiżit ossija dak tal-molestja l-perit tekniku ma ħalla ebda dubbju meta kkonkluda li l-konvenuta għamlu x-xatba in kwistjoni biex jinterrompu l-passaġġ – *oltre* dan anke l-kliem li qal Henry Falzon lill-attriċi Naudi huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi molestja. Il-kawża mhix dwar jekk l-atturi kellhomx jew għandhomx dritt li jagħmlu użu mill-passaġġ – din hija kawża possessorja u għalhekk kull ma hu meħtieġ huwa l-pussess u l-interruzzjoni tal-pussess. Huwa minnu li l-azzjoni *manutentionis* hija kawża ntiża għall-konservazzjoni tal-pussess (differentement mill-*actio spolii* li hija ntiża għar-reintegrazzjoni) madankollu sservi ukoll biex dak il-pussess li jkun ġie nterrott mill-konvenut jiġi eserċitat għal kif kien qabel.

"*L-istat tad-dritt billi min kien responsabbli biex jiddisturba l-istatus quo vjolentement abusivament jew klandestinament jiġi kkundanat li jqiegħed kollox kif kien qabel bhala pre rekwisit għall-indaġini dwar id-drittijiet reċiproċi bejn il-litiganti*. ("Carmen Dalli vs Anthony Laferla" – Appell 6 ta' Ottubru 1999).

"Fil-fehma tal-Qorti l-iktar kwistjoni dibattibbli f'din il-kawża hija jekk l-azzjoni saritx *entro* t-terminu ta' sena ossija jekk il-molestja konsistenti fit-tqegħid tax-xatba u tal-blokok tal-konkos saritx qabel is-sena preċedenti għall-intavolar tal-kawża u dan għaliex hemm diversi indizji kontrastanti. Il-konvenuti fil-fatt qed jintavolaw din l-eċċezzjoni u jgħidu li x-xogħlijiet saru fl-1997 wara li kien hemm maltemp kbir. Madankollu l-istess konvenut Henry Falzon qal li l-grada kienet hemm qabel l-isparatura li saret f'April 2002. Jidher anke minn xhieda oħra li din l-isparatura (li dwarha l-atturi ma jiċċentraw xejn) kienet riżultat ta' din il-kwistjoni – naturalment dawn il-kwistjonijiet legalment m'għandhom x' jaqsmu xejn. Madankollu dan jindika li l-isparatura seħħet ftit wara – u dan għax ix-xhud Henry Falzon għamel il-

konnessjoni f'moħħu meta semma l-każ. Għalhekk filwaqt li huwa minnu li kien hemm interruzjoni parzjali kif qal il-perit tekniku fir-relazzjoni fl-1994, il-molestja li dwarha qed jilmentaw l-atturi seħħet ċertament fil-bidu tas-sena 2002. Ladarba l-azzjoni ġiet istitwita fis-27 ta' Dicembru 2002 il-kawża ġiet intavolata *entro* s-sena ndikata mill-Artikolu 534.

"Dwar l-aħħar rekwisit, u ċioe' li l-atturi ma ħadux il-pussess mingħand il-konvenuti ma hemm ebda kontestazzjoni u għalhekk l-erba' rekwiżiti jissussistu u t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti.

"Għal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u senjatament għandha titneħħa x-xatba u dan kif indikat fil-verbal tas-seduta tas-27 t'April 2006 quddiem il-Perit Legali (a fol 113); għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi t-terminu ta' xahar; ix-xogħol għandu jsir f'kull każ taħt is-superviżjoni tal-Perit Tekniku A.I.C Mario Cassar. L-ispejjeż tal-kawża fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa ħlief għall-ispejjeż peritali li għandhom jitħallsu mill-konvenuti li għandhom ukoll a skans ta' ekwivoċi jħallsu l-ispejjeż tax-xogħlijiet u tal-perit nominand."

**Rikors tal-appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad moghtija fid-19 ta' Jannar 2009 u interponew appell minnha b'rikors prezentat fid-9 ta' Frar 2009.

In succinct, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

1. Il-konvenuti jikkontendu li Mary Lanfranco ma kellhiex dritt tirrapprezenta lil Rita Muscat fiz-zmien meta saret il-kawza, u dan in-nuqqas ma setax jigi ssanat wara l-mewt tal-istess Rita Muscat bis-sostituzzjoni taghha mill-istess Mary Lanfranco u Catherine Naudi bil-principju tal-*jus superveniens*.

2. L-atturi qatt ma kellhom il-pussess tal-passagg in kwistjoni u ghalhekk wiehed mill-elementi kostituttivi tal-*actio manutensionis* m'hux sodisfatt.

3. Illi l-atturi ma kellhomx pussess li trid il-ligi u ghalhekk ma setghux jezercitaw l-*actio Manutentionis*.

4. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti meta kkonkludiet li l-konvenuti kienu mmolestaw lill-atturi fid-drittijiet taghhom.

5. L-ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll meta ddecidiet li l-kawza intavolata mill-atturi saret entro t-terminu ta' sena mill-allegata molestja.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuti appellanti talbu li din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-19 ta' Jannar 2009 u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**Risposta tal-Appell tal-atturi appellati**

L-atturi appellati pprezentaw ir-risposta taghhom fil-25 ta' Frar 2009 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

B'din il-kawza l-atturi qed jezercitaw l-*actio manutentionis* kif kontemplata fl-Artikolu 534 tal-Kodici Civili. Din il-Qorti se tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti hekk kif imressqa minnhom fir-rikors tal-appell taghhom.

**1. Nuqqas ta' rapprezentanza legali tal-attrici Rita Muscat**

Jirrizulta mill-provi illi l-attrici Mary Lanfranco kienet kuratrici tal-interdetta Rita Muscat meta giet prezentata c-citazzjoni odjerna ghalhekk kellha interess li tressaq din l-

azzjoni[1]. Fil-mori tal-kawza mietet Rita Muscat u saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem l-eredi taghha cjoe f'isem l-atturi. Huma jsostnu li ghalhekk jekk originarjament kien hemm xi nuqqas, fis-sens indikat mill-konvenuti u cioe` li Mary Lanfranco ma kienitx ottjeniet l-awtorizzazzjoni biex tipprezenta l-kawza f'isem Rita Muscat, dan in-nuqqas gie sanat bil-principju tal-*jus superveniens*.

Skont l-Artikolu 525(1) tal-Kap. 12: "L-interdizzjoni tibda ssehh minn dak in-nhar tad-digriet, u l-atti maghmulin mill-interdett wara d-digriet huma nulli". Dan naturalment kemm jekk jaghmilhom f'ismu kemm jekk jaghmilhom haddiehor ghalih meta ma jkunx debitament awtorizzat li jaghmel hekk. Konsegwentement l-eccezzjoni dwar l-illegittimita` tal-attur tista' tinghata meta huwa hekk inkapaci skont il-ligi biex joqghod f'kawza "inkella biex iharrek jew jigi mharrek f'isem u fl-interess ta' haddiehor minghajr ma jkun awtorizzat skont il-ligi ghal daqshekk". (Art. 780 Kap. 12).

Ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz Rita Muscat kienet interdetta u Mary Lanfranco ghalkemm kuratrici taghha ma kienitx ottjeniet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel ipprezentat il-kawza. Hi ma setghetx ghalhekk tagixxi f'isem Rita Muscat minghajr id-debita awtorizzazzjoni[2]. Din hi sitwazzjoni ta' nullita` ta' atti gudizzjarji dikjarata mil-ligi espressament. (Art 789 (1)(a) Kap 12). Izda il-proviso ta' dan is-subinciz ta' dan l-artikolu jipprovdi li: "Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita` kif mahsuba fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dan in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi".

L-ewwel Qorti ddecidiet li anke jekk koncess li meta gew intavolati l-atti kienu nulli, kollox gie sanat u regolarizzat bil-*ius superveniens*. Jirrizulta wkoll li l-atti gew legittimati b'digriet tal-2 ta' Lulju 2004[3] Din il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravju tal-konvenuti mhux validu u l-principju li *quod nullum est nullum producit effectum* ghandu jcedi quddiem

[1] Ara fol 6.
[2] Ara sentenzi Vol 34 p1 p 337 Vol 39 p 2 p 696 u 478.
[3] Ara fol 29.

il-principju l-iehor tal-ekonomija tal-gudizzju li jezigi li sa fejn hu permess l-atti ghandhom jigu salvati. Il-*jus superveniens* hu mod accettat li jippermetti li f'certi kazi l-atti jigu regolarizzati[4]. Inoltre f'dan il-kaz bil-fatt li saret il-legittimazzjoni tal-atti l-konvenuti bl-ebda mod ma gew pregudikati ghalhekk ghandu japplika l-proviso tas-sub-inciz 1(a) tal-Artikolu 789 tal-Kap. 12. (ara f'dan is-sens is-sentenzi App. **Bonanno v. Bonanno** deciza fid-29 ta' Jannar 1997 u **Spiteri v. Spiteri** deciza fit-28 ta' Gunju 1957 Vol XL1 p1 p 412)

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**2. Nuqqas ta' pussess fuq l-isqaq**

F'dan l-aggravju l-konvenuti qed isostnu li f'din il-kawza jonqos wiehed mill-elementi kostituttivi tal-*actio manutentionis* u cioe` l-pussess *animo domini* tal-proprjeta` li mill-pussess tieghu l-atturi gew molestati. Il-konvenuti jissottomettu li l-atturi qatt ma kellhom pussess tal-isqaq li minnu huma jallegaw li gew molestati. Semmai l-atturi kellhom azzjoni ohra disponibbli ghalihom u cioe` l-actio spolii u mhux l-*actio manutentionis.*

Jigi rilevat li fil-kaz in ezami l-atturi mhux qed jghidu li huma propretarji tal-isqaq in kwistjoni imma li b'dak li ghamlu l-konvenuti huma gew imcahhdin mill-access ghall-ghalqa li hi proprjeta` taghhom.

L-Artikolu 534 tal-Kap, 12 jghid hekk:

"Kull min ikun jinstab fil-pussess ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli jew ta' universalita` ta' hwejjeg mobbli, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess basta li ma jkunx ha b'idejh il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju."

[4] "Jekk waqt il-kawza jkun intervena xi dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuza tigi msahha. Il-fondament ta' dan huwa l-economija tal-gudizzju u ta' l-ispejjez". (Ara sentenzi App Inf.S.Abela vs J.Spagnol 21/1/86; App Vella vs Galea Vol 33 p1 p252, 108, **195;** Cini vs Galea Vol XL11 p1 p 532; XLV111 p2 p 1177; LXV111 p3 p 168,185; part 4 p 133 ).

Fil-kaz in ezami l-atturi jikkawlifikaw bhala pussessuri ghaliex haddiehor (il-bidwi) qed jippossjedi ghan-nom taghhom, ghalhekk huma ghandhom pussess legali, u ghalhekk jistghu jagixxu bl-*actio manutentionis* biex ma jigux molestati fl-ghalqa proprjeta` taghhom.

F’dan il-kaz il-molestja tikkonsisti filli meta l-konvenuti ghalqu l-access bil-grada, l-atturi ma setghux ikomplu jgawdu l-ghalqa bhal ma kienu jaghmlu qabel. Biex issir il-molestija mhux mehtieg li l-molestja titwettaq materjalment fuq il-proprjeta` tal-atturi, sakemm l-effett materjali tal-istess att jinhass fuq dik l-art. Billi l-konvenuti ghalqu l-access, illum l-atturi ma jistghux igawdu l-proprjeta` taghhom.

Dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

**3. Nuqqas ta’ pussess fiz-zmien meta giet ezercitata l-Actio Manutentionis**

Il-konvenuti jissottomettu li l-*actio manutentionis* ma setghetx tigi ezercitata mill-atturi billi jekk kif, qed isostnu, huma gew molestati mill-allegat pussess taghhom, allura l-azzjoni miftuha ghalihom kienet dik tal-*actio spolii* u mhux dik prezenti. Huma jghidu li l-*actio manutentionis* hija permessa meta l-attur ghadu fil-pussess u jrid li jinzamm jew jigi mantenut f’dak il-pussess, mentri fl-*actio spolii* l-attur jigi mcahhad mill-pussess li kellu u jitlob li jigi ri-integrat fil-pussess li gie mehud lilu.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-atturi baqghu jippossjedu l-ghalqa taghhom *animo domini* u ma gewx spussessati minnha. Huma gew molestati fit-tgawdija taghha meta nghalaq l-access ghaliha.

Il-konvenuti jsostnu li l-fatt li fic-citazzjoni huma qed jitolbu r-reintegrazzjoni hu indikattiv li kienu qed jezercitaw l-*actio spolii.*

Illi kif intqal fis-sentenza **App Tabone vs Cini** deciza fid-9 ta’ Jannar 2009.

"Għar-rigward tal-kwistjoni jekk f'kawza ta' manutenzjoni, kif għandna fil-kaz in ezami, tistax tintalab ir-reintegrazzjoni bħal ma jsir f'waħda ta' spoll, ir-**Ricci** jgħid illi :

"*Coll'azione in manutenzione si chiede la conservazione o il mantenimento dello stato di fatto in cui il possessore si trova; e poiche' la condizione attuale di cose non puo' mantenersi se non a patto che la turbativa cessi, quindi e' che nella domanda di manutenzione in possesso si contiene implicita e come conseguenziale l'altra d'inibizione al turbatore di proseguire nell'opera o nel fatto molesto da lui intrapreso* …..

"*E sifatta inibizione puo' riuscire qualche volta insufficiente a raggiungere lo scopo; imperocche', supposto che il fatto turbativo abbia prodotto variazione nello stato materiale della cosa o nel modo con cui si possedeva, e' evidente che il mantenimento della condizione di fatto in cui il possessore si trova non si ottiene se non restituendo le cose nel primiero loro stato*." (op. cit. # 96)."

"Hekk naraw per ezempju li fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju 1991 f'kawza simili ta' manutenzjoni fil-pussess fl-ismijet: "**Michele Calleja v. Emanuela Cassar et.**", li giet ukoll ikkonfermata fl-Appell, il-Qorti laqgħet, fost oħrajn, it-talba tal-attur sabiex il-konvenuti jigu kkundannati " … *jaghmlu dal li hu necessarju sabiex il-passagg imsemmi fic-citazzjoni jerga' jitqiegħed fl-istat originali tiegħu li kien fis-sajf tas-sena 1978*" (Kollez. Vol. LXXVIII. II 358).

Huwa evidenti għalhekk illi anke f'kawza bħal dik ittentata mill-atturi, it-talba għar-reintegrazzjoni fl-istat originali hija permessa, anzi kif qal ir-Ricci fil-bran citat, xi kultant anke indispensabbli biex l-attur jerga' jigi fit-tgawdija li kien fiha originarjament".

### 4. Nuqqas ta' molestja

F'dan l-aggravju l-konvenuti jishqu li mhuwiex minnu li huma ghalqu l-access li kellhom l-atturi ghall-ghalqa

taghhom billi dawn kellhom access iehor minn Triq Ganni Cilia. Ix-xatba huma ghamluha biex tigi evitata dizgrazzja. Id-diskors li allegatament intqal minn Henry Falzon lil Catherine Naudi ma kienx fih innifsu jikkostitwixxi molestja tan-natura li trid il-ligi sabiex wiehed jinvoka l-*actio manutentionis*.

Huwa ammess mill-konvenuti li x-xatba kienu ghamluha huma. Il-molestja tirrizulta billi b'dan il-mod il-konvenuti ghalqu l-access li l-atturi qabel kellhom ghal ghalqa proprjeta` taghhom. Ix-xhieda, prodotti mill-atturi, kienu kategorici li l-access kien mill-passagg li jaghti ghal din ix-xatba u indikawh waqt l-access mizmum mill-Qorti. L-istess konkluzjoni wasal ghaliha l-perit tekniku meta qal li l-atturi dejjem kellhom access minn dan l-isqaq. Skont l-istess perit, ix-xatba saret bl-iskuza li kien hemm perikolu meta ggarraf l-isqaq, izda kieku kienet vera dik ir-raguni, ix-xatba kienet titwahhal fil-bidu tal-isqaq u mhux fit-tarf tieghu. Hu jghid li l-isqaq iggarraf rizultat dirett tat-tqattiegh tal-art adjacenti tas-sqaq mill-konvenuti. (ara fol. 203/4)

Kwantu ghad-diskors li Catherine Naudi tghid li qal Henry Falzon – *"Hazin ikun ghalik jekk tersaq 'il hawn"* (fol. 36) – dan ukoll jista' jammonta ghal molestja billi kif inhu risaput: "In kwantu ghall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att guridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja ghall-pussess ta' haddiehor" (**Azzopardi v. Farrugia** Vol. 27.1.622; **Agius v. Cutajar** dec. 13.2.1959 App. Civ.).

Il-fatt li hemm passagg iehor li jaghti ghall-ghalqa tal-atturi huwa irrilevanti billi l-mertu ta' din il-kawza huwa l-passagg li l-atturi kellhom qabel ghall-ghalqa taghhom u li llum gie maghluq mill-konvenuti.

**5. Tardivita` tal-azzjoni**

Il-konvenuti ma jaqblux mal-ewwel Qorti li l-molestja sehhet "certament fil-bidu tas-sena 2002" billi l-provi kollha migjuba jwasslu ghal konkluzjoni totalment differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. *Dato*

*non concesso* li saret molestja, din saret bl-istallazzjoni tax-xatba da parti tal-konvenuti fis-sena 1997. Anke jekk il-Qorti kellha tiskarta dawn il-provi, certament kellha tistrieh fuq ix-xhieda tal-Perit A. Fenech Vella bniedem professjonali li qal li ra x-xatba fl-1999.

Illi x-xhieda prodotti mill-atturi kollha jindikaw is-sena 2002 bhala s-sena meta l-konvenuti wahhlu x-xatba u ghalqu l-access lill-atturi ghall-ghalqa taghhom. Mary Micallef issemmi April 2002 meta twahhlet ix-xatba (ara fol. 42). Nazzareno Micallef xehed f'Gunju 2004 u qal li l-incident gara xi sentejn qabel (ara fol. 60). L-istess qalet Theresa Schriha. Min-naha l-ohra l-konvenut Joseph Falzon jghid li l-blokkok tal-konkos u x-xatba tpoggew hemm fl-1997 u hadmu diversi persuni[5]. Henry Falzon xehed fl-2006 quddiem il-Perit Tekniku qal li l-grada kienet saret xi 4 jew 5 snin qabel (fol. 119), mentri rega' ttella' jixhed f'seduta sussegwenti (ara fol. 125) mistoqsi biex jispjega f'aktar dettal, hu qal li meta semma' 4 jew 5 snin hu kien qed jirreferi ghal zmien qabel sar il-kaz tal-isparatura li grat fl-2002. Il-Perit Fenech Vella prodott mill-konvenuti xehed li jiftakar il-grada kienet hemm fl-1999.

L-ewwel Qorti, fuq din il-kwistjoni u cioe` jekk l-azzjoni saritx fit-terminu ta' sena, kkonkludiet li din kienet l-aktar kwistjoni dibattibli, izda wara li ezaminat il-provi ddecidiet li l-molestja sehhet certament fil-bidu tas-sena 2002. L-ewwel Qorti emmnet aktar ix-xhieda tal-atturi milli dak li qalu l-konvenuti.

Il-principju regolatur hu li din il-Qorti bhala Qorti ta' Revizjoni m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, minghajr raguni gravi u impellenti, u dan senjatament ghal-raguni li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' lix-xhieda viva voce u tevalwa l-komportament u l-bixra taghhom (**J. Grech Sant noe v. L-Avukat Dr. Riccardo Farrugia et noe** App. 28/2/1997).

[5] Minn dawn ebda wiehed minnhom ma tressaq biex jixhed.

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti fir-rigward tax-xhieda tal-Perit A. Fenech Vella li qal li l-grada kienet hemm fl-1999 (ara fol. 123) il-Qorti tirrileva, bir-rispett kollu lejn il-Perit, li ma nghata ebda hjiel kif il-Perit, li mhux kaz wiehed biss ghandu, ftakar dan id-dettal bis-sena b'kollox, u din minghajr l-ghajnuna ta' xi notament jew *diary* imma bazata biss fuq il-memorja.

Dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, spejjez kollha ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------